# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 327.12

## REGOLAMENTI LI JISTABBILIXXU L-KONDIZZJONIJIET MINIMI NAZZJONALI GĦALL-ISKEJJEL KOLLHA

1 ta' Jannar, 1991

*L-AVVIŻ LEGALI 150 ta' l-1990, kif emendat bl-Avviż Legali 196 ta' l-1994.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti li jistabilixxu il-Kondizzjonijiet Minimi Nazzjonali għall-Iskejjel Kollha. Titolu.

**2.** Il-Kondizzjonijiet Minimi Nazzjonali għall-iskejjel kollha kif previst fl-Att dwar l-Edukazzjoni għandhom ikunu dawk imdaħħla fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Kondizzjonijiet Minimi Nazzjonali. Kap. 327.

SKEDA

*Emendata: A.L. 196 ta' l-1994.*

Kondizzjonijiet Minimi Nazzjonali għall-Iskejjel Kollha

1. Ġenerali

1.1 Il-bini ta' l-iskola għandu jkun adatt għat-tip u livell ta' edukazzjoni li tingħata fih.

1.2 Il-post għandu jkun arjuż, protett mis-sħana, mill-kesħa u l-umdità, imdawwal tajjeb b'dawl naturali u b'soqfa għolja kif jixraq.

1.3 Il-post ta' l-iskola għandu jkun nadif u miżmum f'kondizjonijiet strutturali u ta' manutenzjoni xierqa.

1.4 Il-post m'għandux ikollu perikli għall-persuna u għas-saħħa.

1.5 Skejjel li jakkomodaw aktar minn 7 klassijiet ta' tagħlim b'orarju normali u studenti li jaqgħu taħt il-liġi ta' l-edukazzjoni obbligatorja, għandhom ikunu mibnija apposta u għandu jkollhom area fuq barra għar-rikreazzjoni.

1.6. Il-klassijiet u l-area m'għandhomx ikunu ffullati u għandu jkun hemm spazju biżżejjed għall-moviment.

1.7 Kull klassi għandu jkollha bieb li jagħti fuq kuritur prinċipali; it-tfal m'għandhomx jgħaddu minn fuq klassijiet oħra biex joħorġu jew jidħlu fil-klassi tagħhom.

1.8 Il-ħruġ u d-dħul ta' dawk l-iskejjel li jagħtu fuq triq prinċipali għandhom ikunu protetti b'ilqugħ xieraq biex jiġu evitati inċidenti.

1.9 Fejn in-numru ta' studenti jaqbeż ħamsin tifel li huma obbligati jattendu l-iskola, għandu jkun hemm indikazzjonijiet għat-traffiku tal-preżenza ta' skola, skond kif tordna l-Pulizija.

1.10 Il-bini ta' l-iskola huwa suġġett għall-ispezzjoni ta' spetturi tas-sanità f'kull ħin.

1.11 Skejjel li joperaw fi djar privati m'għandhomx joħolqu inkonvenjenza lill-ġirien.

1.12 L-iskejjel jistgħu jkunu spezzjonati minn uffiċjali tad-dipartiment ta' l-Edukazzjoni f'kull ħin.

2. Daqs ta' Klassijiet

2.1 In-numru massimu ta' studenti sa l-età ta' edukazzjoni obb1igatorja fi klassi m'għandux ikun aktar minn 30.

2.2 Biex jiġi deċiż in-numru ta' studenti li jistgħu jkunu akkomodati fi klassi, irid jiġi meħud in konsiderazzjoni:

2.2.1 burdura wiesgħa 2 (żewġ) metri, li għandha titnaqqas mill-kobor tal-kamra u li hi għall-użu ta' l-għalliem;

2.2.2 spazju ta' $1^1/_2$ metri (metru u nofs) kwadri għal kull student ta' età iktar minn 5 snin;

2.2.3 jista jiġi mħolli spazju ta' $1^1/_2$ metri (metru u nofs) kwadru lil kull student taħt l-età ta' 5 snin jekk ikun hemm ukoll spazju (kamra) ieħor tal-logħob li jagħti skop għall-eżerċizzi liberi u moviment. Jekk le, il-klassi m'għandhiex ikollha iktar minn 20 student, jew spazju ta' 3 metri kwadri għal kull student;

2.2.4 fil-każ ta' studenti ta' età ta' edukazzjoni obbligatorja u klassijiet ta' filgħaxija, spazju minimu ta' 1 metru kwadru jista' jiġi allokat lil kull student barra f'laboratorju jew post ta' taħriġ fis-snajja'.

2.3 Id-daqs l-iktar konvenjenti ta' klassi huwa ta' 8 metri kwadri.

3. Laboratorji, Postijiet ta' Taħriġ fi Snajja', eċċ.

3.1 In-numru ta' studenti li jistgħu jiġu akkomodati f'laboratorji u postijiet ta' taħriġ fi snajja' jew attivitajiet oħra li mhux tal-klassi għandu jkun determinat mid-daqs tal-kamra u l-użu tagħha.

3.2 L-akkomodazjoni minima għandha tkun ta' mhux inqas minn 2 (żewġ) metri kwadri kull studemt barra l-ispazju għall-għalliema u għall-għamara jew makkinarju.

3.3 In-numru massimu ta' studenti li huwa permess f'post tat-taħriġ fis-snajja' huwa ta' 20.

3.4 Laboratorji jew postijiet ta' taħriġ fis-snajja' għandu jkollhom il-ħtiġijiet kollha biex jissalvagwardjaw is-saħħa bħal apparati li jneħħu l-gassijiet kimiċi, apparat tat-tifi tan-nar, kaxxa ta' l-ewwel għajnuna għal min ikorri u strumenti li jaqtgħu ċ-ċirkwiti elettriċi. Apparat, għodod u materjal perikoluż għas-saħħa u l-persuna għandhom ikunu taħt il-kontroll dirett ta' l-għalliem u maħżuna kif jixraq. Magni għandu jkollhom is-sigurtà neċessarja u istruzzjonijiet fuq l-użu xieraq tagħhom.

3.5 Meta materjal jew apparat perikoluż ikun meħtieġ li jinżamm f'laboratorju jew *workshop* għandu jiġi indikat il-periklu

tiegħu.

3.6 Kmamar li jintużaw bħala teatri għall-produzzjoni ta' attivitajiet teatrali, il-wiri ta' films, eċċ., lil gruppi numerużi ta' studenti, jrid ikollhom l-attrezzamenti neċessarji kontra t-tifi tan-nar u indikazzjonijiet ċari ta' ħruġ.

3.7 Laboratorji, postijiet ta' taħriġ fis-snajja' teatri, eċċ., huma soġġetti għal spezzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u għandhom jimxu skond regoli eżistenti.

4. Faċilitajiet ta' *Toilette*

4.1 L-iskejjel għandu jkollhom faċilitajiet ta' *toilette* ta' wieħed kull 35 student.

4.2 Skejjel ta' filgħaxija jew li jipprovdu edukazzjoni għall-adulti għandu jkollhom tnejn mill-inqas minn dawn il-faċilitajiet u ieħor għal kull sittin student li jkun fl-iskola.

4.3 Dan ma jinkludix it-*toilette* ta' l-għalliema u l-i*staff*.

4.4 Il-faċilitajiet għandhom ikunu skond l-età u l-kobor ta' l-istudenti.

4.5 Għandhom jinżammu l-ħin kollu f'kondizzjoni tajba ta' iġjene, li jinkludi ħwejjeġ tat-tindif u karti tat-*toilet*.

4.6 Għandu jkun hemm friskatur ta' l-idejn flimkien ma' sapun u xugamani bir-rata ta' friskatur kull 35 student. Fil-każ ta' skejjel *part-time* u ta' l-adulti, għandu jkun hemm mill-inqas 2 (żewġ) friskaturi bħala minimu u frisktur kull 60 student.

4.7 Il-friskaturi għandhom ikunu f'għoli xieraq għall-età u t-tul ta' l-istudenti.

5. Ilma tax-Xorb

5. Kull skola għandu jkollha numru adegwat ta' vitijiet ta' l-ilma tax-xorb bir-rata minima ta' vit għal kull 100 (mitt) student u dawn għandhom jitpoġġew f'postijiet strateġiċi u mhux fil-kmamar tat-*toilette*. L-ilma għandu jkun tajjeb għax-xorb, ġej minn ilma ġieri.

6. Btieħi u Postijiet għar-Rikreazzjoni

6.1 Kull skola miftuħa għal tfal ta' l-età ta' l-edukazzjoni obbligatorja għandu jkollha spazju fil-miftuħ u adegwat fejn l-istudenti jistgħu jieħdu r-rikreazzjoni tagħhom u mistrieħ twil.

6.2 F'każ speċjali, jingħata permess lil skejjel biex jużaw spazju mgħotti basta dan ikun riservat biss għar-rikreazzjoni u jekk ma jinstabx sit alternattiv għall-apert fejn l-istudenti jkunu jieħdu r-rikreazzjoni u l-mistrieħ tagħhom.

6.3 Skejjel li fihom jinkitbu biss taħt l-età l-edukazzjoni obbligatorja u li ma jifthux għal iktar minn $3^1/_2$ sigħat kuljum jistgħu jużaw kmamar u postijiet imsaqqfa għal-logħob u rikreazzjoni kif imfisser fil-paragrafu 2.2.3.

6.4 Id-daqs minimu ta' post ta' rikreazzjoni għall-arja aperta għandu jkun skond ir-rata ta' 5 metri kwadri kull student għall-ewwel 300 student u 3 metri kwadri għal kull student fuq dan in-

numru.

7. Iġjene

7.1 F’dak li għandu x’jaqsam ma’ l-iġjene, l-iskejjel għandhom jinżammu skond ir-regolamenti sanitarji eżistenti. Dan jinkludi l-iġjene fil-klassijiet, *toilets*, postijiet ta’ rikreazzjoni, ikel f’*tuckshops*, kafeterija u dormitorji u kmamar oħra fil-każ ta’ skejjel li jżommu l-istudenti għall-ikel u/jew irqad.

7.2 L-iskejjel huma suġġetti għall-ispezzjoni ta’ l-awtoritajiet sanitarji u għandhom jobdu l-istruzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom. L-awtoritajiet sanitarji jissottomettu rapport lill-Ministru ta’ l-Edukazzjoni.

Għalliema

8.1 L-Għalliema għandu jkollhom *warrant* biex jgħallmu fi skola skond l-Att dwar l-Edukazzjoni.

8.2 Filwaqt li l-ingaġġar ta’ għalliema hu f’idejn l-iskejjel individwali f’dak li għandu x’jaqsam ma’ skejjel liċenzjati (privati), dan għandu jikkonforma mal-kwalifiki minimi rikjesti minn għalliema fi skejjel statali skond il-livelli differenti ta’ edukazzjoni.

8.3 Il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni għandu jingħata avviż bil-quddiem ta’ ingaġġ jew promozzjoni ta’ għalliema (li jinkludi l-Kapijiet u Assistent/i Kap/ijiet ta’ l-iskola).

8.4 *Staff* ieħor. L-iskola għandha żżomm numru adegwat ta’ ħaddiema li jiżgura l-indafa tal-post ta’ l-iskola b’ħasil u tindif regolari.

9. Ħinijiet ta’ l-iskola

9.1 Skejjel li jgħallmu studenti ta’ l-età ta’ l-edukazzjoni obbligatorja għandhom jikkonformaw man-numru total ta’ sigħat ta’ tagħlim fis-sena li jkun rikjest minn skejjel statali paragunabbli.

10. Spezzjoni u Informazzjoni

10.1 Bħalma huma previst fl-Att dwar l-Edukazzjoni kull skola tista’ tiġi spezzjonata minn uffiċjali tad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni. Wara kull ispezzjoni l-uffiċjal inkarigat għandu jagħmel rapport u filwaqt li kopja tintbgħat lid-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni biex tinżamm fil-*file* ta’ l-iskejjel; kopja oħra tintbgħat lill-iskola partikolari flimkien mar-rimarki li d-Direttur ta’ l-Edukazzjoni jew il-Ministru jkunu jridu jagħmlu.

10.2 Mhux inqas minn darba kull tliet snin għandha ssir spezzjoni formali ta’ l-iskejjel biex jiġi sgurat li l-kondizzjonijiet tal-liċenza u l-livell ta’ l-Edukazzjoni qiegħdin jiġu mħarsa. L-ispetturi għandhom jibgħatu r-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom lill-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni.

10.3 Skejjel li fihom tfal ta’ età ta’ edukazzjoni obbligatorja għandhom jobdu strettament ir-Regolamenti fuq l-Attendenza ta’ l-Istudenti maħruġa mid-Direttur ta’ l-Edukazzjoni (taqsima Attendenza).

10.4 L-iskejjel għandhom jagħtu lill-Ministru responsabbli

għall-edukazzjoni jew lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni dik l-informazzjoni mitluba minnhom minn żmien għal żmien.

11. Tibdil fl-Iskola

11.1 Tibdil fis-sidien ta' l-iskola, kuntratti, kap ta' l-iskola u indirizz ta' l-iskola għandhom jiġu notifikati lill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni bil-quddiem.

11.2 Tibdil fil-post ta' l-isko1a jew estensjonijiet irid ikollhom l-awtorizzazzjoni bil-quddiem tal-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni wara li ssir applikazzjoni xierqa mill-Kap ta' l-Iskola.

11.3 Tibdil fil-kondizzjonijiet tal-liċenza, inklużi l-livelli ta' edukazzjoni u numru totali ta' studenti li jistgħu jinżammu, għandu jiġi mgħarraf lill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni bil-quddiem u jkollu l-approvazzjoni tiegħu.

11.4 Tibdil fl-i*staff* ta' l-iskola għandu jiġi mgħarraf lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni.

12 Kondizzjonijiet Oħra

12.1 L-iskola għandha timxi fuq il-kondizzjonijiet tal-Liċenza maħruġa lilha.

12.2. L-iskola timxi skond il-Kodiċi ta' Mġieba ta' l-Għalliema.

12.3 Ma għandu jsir l-ebda tibdil fir-rati tal-ħlas tal-miżati jew ħlas ieħor qabel ma jingħata avviż lill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni mhux anqas minn xahar qabel ma jsir dan it-tibdil:

Iżda r-rati tal-ħlas tal-miżati jew ħlas ieħor stabbiliti fil-bidu ta' sena skolastika ma jistgħux jiżdiedu matul dik is-sena skolastika kollha hemm hi.